MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2010

Numru. 692/2005

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Glenn Vella, iben John, imwieled San Ġiljan fil-21 ta' Lulju, 1980, Karta ta' l-Identita numru 434780(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli bejn it-22 u id-29 ta' Ottubru, 2003 ġewwa San Ġiljan, ikkometta serq ta' apparat tal-Hi-Fi minn vettura tal-għamla Mazda 323F, bin-numru tar-reġistrazzjoni DAL 721, liema apparat huwa stmat li jiswa aktar minn Lm100 iżda anqas minn Lm1,000 u dan sar għad-dannu ta' David Sammut minn San Gwann u Anthony Balzan min-Naxxar, liema serq hu kwalifikat bil-valur, bil-persuna u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta' Jannar, 2007 fejn il-parte ċivile nfurmat il-Qorti li d-danni jammontaw għal Lm900.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' Ottubru, 2009 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-bilanċ dovut hu ta' €685.

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu u li obbliga ruħu li jħallas il-bilanċ ta' €685.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 261(ċ)(d)(g), 267, 268, 271(g), 279(a) u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett snin.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------